SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 01/K9/19

Data tal-laqgħa: 04 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsilier
Guido Dalli – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Sean Gauci – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsillier
John Agius - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana
Gudikant Dr. Ian Micallef

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli skond id-dispożizzjoni tal-liġi sejħet il-laqgħa kif ukoll mexxiet l-ewwel parti tal-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

01.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**01.2 Ħatra u Ġurament tas-Sindku;**

01.2.01 Iċ-Ċermen staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv u huwa kkonferma li Dott. Albert Buttigieg kien ser jaċċetta n-nomina għal-Sindku (Kopja ta' l-aċċettazzjoni hija annessa Appendiċi 'A').

01.2.02 Dott. Albert Buttigieg ġie maħtur Sindku u ħa l-ġurament.

**01.3 Ħatra u Ġurament tal-Viċi Sindku**

01.3.01 Iċ-Ċermen staqsiet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk is-Sur Guido Dalli aċċetax in-nomina ta' Viċi Sindku. Is-Segretarju nfroma lill-membri li s-Sur Guido Dalli ma kienx aċċetta li jinħatar Viċi Sindku. (Kopja tar-rinunzja hija annessa Appendiċi 'B').

01.3.02 Għalhekk skond id-disposizzjoni tal-liġi, s-Sur Clayton Luke Mula ġie mistoqsi jekk jaċċetax in-nomina ta' Viċi Sindku u hu aċċetta n-nomina. Għalhekk is-Sur Clayton Luke Mula ġie maħtur bħala Viċi Sindku u ħa l-ġurament. (Kopja ta' l-aċċettazzjoni hija annessa Appendiċi 'Ċ').

01.3.03 F'dan l-istadju, l-Kunsill iringrazzja lill-Dr. Ian Micallef, u l-kumplament tal-laqgħa ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Albert Buttigieg. Iċ-Ċermen irringrazzja lill-membri tal-fiduċja li wrew fih, kif ukoll irringrazzja lis-Sindku uxxenti tas-servizz li ta lill-Kunsill kif ukoll lill-Kunsilliera tal-leġislazzjoni preċedenti tal-ħidma tagħhom fil-Kunsill.

**01.4 Tqassim ta' responsabbiltajiet / żoni tal-Kunsilliera;**

01.4.01 Is-Sindku Albert Buttigieg ressaq it-tqassim ta' responsabbiltajiet / żoni tal-Kunsilliera. (Kopja annessa Appendiċi 'D')

01.4.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel unanimament mat-tqassim ta' responsabbiltajiet / żoni tal-Kunsilliera.

01.4.03 Is-Sindku ser ikun qiegħed jiltaqa’ ma’ l-NGO’s u ser ikun qiegħed jiltaqa’ ma’ entitajiet oħra.

01.4.04 Saret proposta għal-dawn ix-xahrejn sabiex l-borża s-sewda u l-organic tinġabar tlett darbiet fil-ġimgħa. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel li jkun hemm ġabra oħra filgħaxija meta jkun hemm il-ġbir tal-borża s-sewda.

01.4.05 Saret diskussjoni fuq ix-xogħolijiet li saru fi Pjazza Spinola minn Infrastructure Malta u s-Sindku ressaq riżoluzzjoni sabiex nitolbu lill-Infrastructure Malta biex terġa teħel il-bus stop u l-bus shelter kif tinsel minn Triq Wied Għomor. Il-Kunsillier Guido Dalli talab li jiġi nnutat li huwa ma kienx qed jaqbel li dan l-item għandu jiġi diskuss fil-Kunsill għaliex dan kien proġett ta’ l-Infrastructure Malta u injoraw kompletament il-proposti tal-Kunsill

01.4.06 Is-Segretarju talab li sabiex jiġu maħtura l-membri tal-bord ta’ l-evalwazzjoni tal-offerti. Ġew proponuti Dott. Albert Buttigieg, is-Sur Guido Dalli, is-Sur Martin John Sultana, is-Sur Adrian Domenic Ellul, l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea. Il-Kunsill qabel.

01.4.07 F’Telgħet Birkirara no. 59 qed issir proposta għal-guest house, min-naħa tal-Kunsill saret oġġezzjoni. L-applikazzjoni li saret dwar Villa Leoni, u li l-Kunsill kien issotometa oġġezzjoni għaliha, ma ġietx milqugħa min-naħa tal-Planning Authority.

01.4.08 Skema tal-Lifelong learning, fejn hemm skeda ta’ finanzjament. Din ser ikunu qed jarawha is-Sindku Dott. Albert Buttigieg flimkien mal-Kunsilliera Patricia Camilleri.

01.4.09 Is-Security tal-ġnien Spinola ser jagħlaqlu l-kuntratt, għaldaqstant ġie deċiż li jiġġeded għal xahrejn.

01.4.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li membru ta’ l-istaff tal-Kunsill kien ser jintemlu l-impjieg tiegħu minħabba nuqqas ta’ attendenza. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Segretarju Eżekuttiv.

01.4.11 L-Objection tal-farmhouse tas-Swieqi qeda fil-proċess u l-Kunsill ser ikun qiegħed jħallas parti mill-ispejjez involuti għal din l-oġġezzjoni.

01.4.12 Inqrat iċ-Ċirkulari dwar skema maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Animal Welfare sabiex ikun hemm kontrol ta’ l-istray cats. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal din l-iskema

u s-Sinjura Rita Dimech Portelli ser tkun qed tikkordina din l-iskema jekk din it-talba tagħna tiġi milqugħa.

01.4.13 Il-Kunsill tkellem dwar in-nuqqas ta' dawl li hemm fit-tarf ta' Triq Ivo Muscat Azzopardi, u kien hemm qbil li jitwaħħlu żewġ lampi ġodda. Kien hemm qbil ukoll li jitwaħħlu żewġ lampi oħra fid-daħla li hemm fi Triq il-Mensija li tagħti għal Triq iż-Żebbuġ.

01.4.14 Email mingħand il-Kunsillier Martin John Sultana dwar ix-xogħolijiet fuq l-ATM ta' Ta' Giorni. Is-Segretarju ta spjegazzjoni li l-applikazzjoni issa kienet daħlet u x-xogħolijiet ser jitkomplew hekk kif il-permess fuq l-alterazzjoni jinħareġ.

**01.5 Aġġudikazzjoni tal-iskart riċeklabbli;**

01.5.01 Il-Kunsill irċieva proposta waħda min-naħa tal-Green Pak. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu li tintagħżel il-proposta tal-Green Pak.

**01.6 Ġbir ta' Consent Letter ta' Data Protection;**

01.6.01 Is-Sindku talab li tibda tinġabar data tar-residenti ġewwa San Ġiljan, fejn huma jkunu jistgħu jagħtu kunsens lill-Kunsill sabiex tinżamm min-naħa tal-Kunsill għal meta jinħareġ magazine etc.

01.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament.

**01.7 Rapport Finanzjarju sa' April 2019;**

01.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport Finanzjaru sa' April 2019 fejn ta spjegazzjoni tiegħu.

01.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mar-Rapport Finanzjarju sa' April 2019.

**01.8 Talbiet żgħar;**

**01.8.01 Email mingħand il-Pulizija dwar Meeting li jixtieq jagħmel mal-Kunsill (Inc. 2574/19);**

01.8.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ssir din il-laqgħa.

**01.8.02 Ittra dwar claim (Inc. 2588/19)**

01.8.03.02 Dwar Claim li l-Kunsill kellu dwar incident bil-karozza fi Triq Birkirkara, kien hemm qbil li nħalsu minħabba li t-talba kienet ġenwina wara li kien hemm korrispondenza mal-Avukat tal-Kunsill.

**01.8.03** **Email dwar Cirk AKL 2019/051 – Inizzjativa MCCF 2019 (Inc. 2708/19);**

01.8.03.01 Ġie deċiż li tintbagħat ċirkulari lill-Kunsilliera biex naraw jekk jaċċetawx.

**01.8.04** **Email dwar Mental First Aid (Inc. 2746/19)**

01.8.04.01 Ġie deċiż li s-Sindku Dott. Albert Buttigieg, il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula, il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli, il-Kunsillier Sean Gauci u l-Assistant Principal Cher Fenech ser ikunu qed jattendu.

**01.8.05** **Email dwar Advertising wastebins (Inc. 2728/19);**

01.8.05.01 Kelna email mingħand l-Opal dwar litter bins li kien hemm imwaħħla fil-promenade u l-Kunsill qabel li dawn għandhom jinqalgħu.

**01.8.06** **Email dwar advertising (banners) (Inc. 2936/19)**

01.8.06.01 Kelna talba mingħand Summer Love Boat Parties sabiex jwaħħal banners ma' l-arbli tal-festi madwar il-promenade. Filwaqt li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni dan għandu jiftihem ma' l-għaqdiet ta' l-għarmar tal-festi. Dwar it-tieni talba għall-ticketing booth il-Kunsill ma kienx qed jaqbel li jgħati permess għaliex dan irid jitlob permess mill-Awtorita' ta' l-Artijiet.

**01.8.07** **Email dwar lbins – Triq Dun Guzepp Xerri (Inc. 3038/19);**

01.8.07.01 Din għandha terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**01.8.08** **Email dwar Installation of Recretable Bollards (Inc. 3091/19);**

01.8.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-kunsill ma jsib oġġezzjoni dment li jkun hemm aċċess għan-nies fl-area.

**01.8.09** **Email dwar Festa San Ġiljan (Inc. 3171/19);**

01.8.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jinħareġ il-permess neċċesarju u jitħalla nadif wara.

**01.8.10** **Email dwar Main Street (Inc. 3236/19);**

01.8.10.01 Din għandha titpoġġa fuq l-aġenda li jmiss.

**01.8.11 Email mill-Karmelitani Balluta (Inc. 3402/19);**

01.8.11.01 Kelna talba sabiex nagħmlu reklam fuq il-ktieb li jinħareġ għall-festa kif ukoll reklam ieħor biex jittela' screenshot fuq big screen. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jsir ir-reklam.

**01.8.12 Email dwar Pottery Courses (Inc. 3409/19)**

01.8.12.01 Il-Kunsill kien ser jara jekk insibux post fejn jista' jsir dan it-tip ta' kors u ser ikellem il-Kappillan tal-Balluta.

**01.8.13** Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punt dwar il-bankijiet li hawn neqsin fil-lokalita'. Is-Segretarju spjega li l-bankijiet ser ikunu qed jitwaħħlu hekk kif inġibuhom minn store ġewwa Marsaxlokk.

**01.8.14** Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar is-slielem tal-baħar li kellhom isiru. Is-Segretarju spjega li dawk twaħħlu kollha b'eċċezzjoni ta' wieħed in-naħa tal-Cavallieri Hotel u ser ikellem lis-CSD sabiex isir.

**01.8.15 Is-Segretarju Eżekuttiv għamel dikjarazzjoni fejn huwa ikkjarifika li f'seduta preċidenti bl-ebda mod ma ried jinsinwa li qal xi diskors dispreġattiv fuq Segretarju Eżekuttiv ieħor. Din l-istqarrija hija annessa mal-minuti (Ara Appendiċi 'E')**

**01.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

01.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'F)

01.9.02 Il-Kunsillier Guido Dallippropona l-approvazzjoni tagħhom.

01.9.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah.

01.9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**01.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

01.10.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4732 sa 4759. (Ara Appendiċi 'Ġ')

01.10.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**01.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

01.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 18 ta' Lulju 2019 fil-5.15p.m.

01.11.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.35p.m.

**IFFIRMATI**

| | |
|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data: 18 ta' Lulju 2019**